**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2018**

**Talba Numru: 138/2015 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 31**

**Christine Borda li b'digriet tal-04 ta' Lulju, 2018 l-kelma 'Borda' giet imhassra u mibdula bil-kelma 'Saliba' (K.I.375073M)**

**38 Flat 1, Triq id-Dugh,**

**Marsaskala**

**Vs**

**Joseph Borda (K.I. 55574M)**

**HSBC Bank Malta p.l.c**

**Business Banking Centre**

**Mill Street,**

**Qormi**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attrici fit-23 ta' Frar, 2015 li permezz taghha hija talbet li l-konvenut jigi kundannat ihallasha s-somma ta' elfejn hames mija u disgha u sittin ewro u disgha u tletin centezmu (€2,569.39c) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-

esponenti ghal mizati u/jew donazzjonijiet tal-iskola ta' wlied minuri tal-kontendenti, lezzjonijiet privati, kotba, transport u uniformijiet u/jew ghal servizzi medici mehtiega mill-istess minuri u liema spejjez kellu jhallas ghalihom unikament u esklussivament il-konvenut u dan ghal perjodu bejn April, 2013 u s-sena 2014.

Ra r-risposta tal-konvenut a fol 6 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa preliminarjament il-kawza hi ntempestiva u dan peress li r-rikorrenti qatt ma gie nterpellat mill-esponenti dwar il-hlas tal-ispejjez reklamati minnha. Izda semplici interpellazzjoni verbali u ghaldaqstant indipendententi mill-ezitu tal-kawza l-esponenti m'ghandux ibati spejjez gudizzjarji; li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda peress li l-esponent dejjem onora l-obbligu kuntrattwali tieghu emergent mill-klawsola numru sebgha (7) tal-kuntratt ta' separazjoni billi dejjem hallas ghal mizati u/jew donazzjonijiet tal-iskola, kotba, transport u uniformijiet tal-istess minuri kif ukoll ghas-servizzi medici mehtiega minnhom u ghaldaqstant l-esponent m'ghandu jhallas xejn lir-rikorrenti; li subordinatament ghal dak premess, ir-rikorrenti ghandha l-obbligu li tinforma lill-esponent dwar il-bzonnijiet tal-minuri qabel tinkorri l-ispejjez ghall-minuri, sabiex b'hekk l-esponent ikun jista jaghzel li jixtri jew ihallas direttament ghall-istess bzonnijiet indikati fi klawsola numru sebgha (7) tal-kuntratt ta' separazzjoni. Ir-rikorrenti kiser dak pattwit; li minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti trid tressaq provi sodisfacenti in sostenn tal-pretensjonijiet taghha; li l-esponenti qieghed minn jirriserva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri wara li r-rikorrenti tesebixxi r-ricevuti relattivi ghat-talba odjerna.

Ikkunsidra

Li l-partijiet permezz ta' separazzjoni bonarja ftehmu fil-kuntratt ta' separazzjoni (fol.16 et) tal-10 ta' Lulju, 2009 atti Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech il-partijiet qablu li l-kura u kustodja ta' wliedhom Sean u Neil ahwa Borda, tigi fdatha lil mara filwaqt li r-ragel obbliga ruhu li minbarra l-manteniment *" jhallas wahdu ghall mizati u/jew donazzjonijiet tal-iskola, lezzjonijiet private, kotba, transport u uniformijiet tal-istess minuri u ghas-servizzi medici mehtiega minnhom li ma jigux provduti b'xejn mill-Istat fi zmien ragjonevoli*" (l-ahhar paragrafu tal-Para 7).

Fl-affidavit taghha l-attrici prezentat rendikont ta' dawn l-ispejjez a fol 20 kif gej:

€15 medicines

€17.65 medicines

€185 Sean's braces

€14.61 medicines (Nasonex for Sean)

€99.80 meningitis jab for Sean and Neil

€15.30 flu vaccines for Sean and Neil

€19.01 medicines (Neoclarityn) for Sean

€15.30 flu vaccines for Sean and Neil

€5.43 medicines

Total spejjez ta' sahha €387.10

Bhala spejjez edukattivi l-attrici tghid li zewgha ghandha jhallasha s-somma ta' €2,182.29 kif gej:

€160 summer school Sean

€180 summer school Neil

€230 summer on the move 2014

€475.91 books 2013-14

€17.90 reading books for Sean 2014-15

€355 books 2014-15

€20.08 stationery list Sean

€15.65 stationery list Neil

€433.25 uniforms 2013-14

€113.15 uniforms 2013-14

€38 PE kits 2013 -14

€143.35 uniforms 2014-15

Ra z-zewg affidavits tal-attrici li permezz taghha kkonfermat u spjegat l-ammont li qed tippretendi minghand il-konvenut u r-ragunijiet ghaliex qed titlob dan.

Ra s-sentenza esebita mill-attrici li permezz taghha l-konvenut kien diga gie kkundannat ihallas spejjez simili izda ghal perjodu differenti.

Ra l-ircevuti kollha esbiti mill-attrici.

Ra x-xhieda ta' Charles Zerafa (fol 64 et) ghalliem u martu tiggestixxi bookshop u spjega kif l-attrici tmur tixtri l-kotba u dak li jkollhom bzonn ghall-iskola t-tfal u tghidlu li r-ragel kellu jmur ihallsu. Gara li l-konvenut gieli habbathom biex ihallas izda imbaghad hallas. Huwa kkonferma l-ircevuti a fol 27 sa 29 bhala ircevuti ta' kotba li nxtraw mill-hanut tieghu.

Ra l-affidavit tal-konvenut a fol 76 et li permezz tieghu spjega li huwa jhallas skont kif obbligat mill-kuntratt ta' separazzjoni u li jdejqu huwa li martu ma turih b'xejn u taqbad u thallas minghajr ma tikkonsulta mieghu. Dwar l-ispejjez medici huwa fakkar li skont il-kuntratt huma qablu li jhallas is-servizzi medici li l-istat ma joffrix b'xejn. Inoltre t-tfal kienu jkunu ghandu erba' (4) darbiet fil-gimgha u ma kienx hemm istanza wahda li hija baghtet xi medicina mat-tfal.

Dwar l-ispejjez tal-kotba, meta t-tfal ma jkollhomx aktar bzonnhom tbeighhom u zzomm il-flus taghhom. Huwa dejjem esiga li tirritona l-kotba u uniformijiet uzati biex imbaghad jipprovdi ghas-sena skolastika li jmiss izda hija tinjorah.

Dwar is-summer school huwa jikkontendi li taghmel hekk minghajr ma tinfurmah u jsir jaf biss meta tibda proceduri l-Qorti u tesebixxi l-ircevuti. Huwa qatt ma jigi muri l-oggetti li xtrat u skont hu l-attrici qed tippretendi li huwa jhallas ghal spejjez li lanqas biss huwa obbligat li jhallas.

Ra l-affidavit ta' l-ispizjar Neville Buttigieg a fol 60 hu l-attrici li ghandu Bella Vista Pharmacy, Triq Hortan, Bella Vista, Marsascala u li ohtu l-attrici tixtri minghandu. Huwa kkonferma li l-ircevuti esebiti mill-attrici huma mahruga mill-ispizerija tieghu u li

hallset ghalihom l-attrici. Jigi rilevat li fl-affidavit tieghu x-xhud ma jikkonfermax bil-gurament li tali ircevuti jirrigwardaw spejjez ta' medicine ghat-tfal izda biss li ohtu tixtri medicina ghat-tfal.

Ra l-kontro-ezamijiet li saru lil partijiet.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici u li l-konvenut baqa' ma pprezenta n-nota responsiva tieghu.

Ikkunsidra

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, jigi rilevat li l-attrici ppruvat li hija kienet kkomunikat mal-konvenut (fol 54 et) izda huwa baqa' dejjem jitlob ghal itemized bill. Illi ghalhekk mhux minnu li l-azzjoni tal-attrici hija ntempestiva u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar il-mertu li kif jigri hafna drabi meta l-kura u kustodja tinghata lil parti, il-parti l-ohra tkun qed taghti blank cheque biex hija jew huwa tiehu d-decizjonijiet kollha dwar il-minuri u xoghol il-parti l-ohra huwa biss biex johrog il-flus u xejn aktar. Hekk gara u qed jigri f'dan il-kaz, li l-mara ghandha l-kura u kustodja taz-zewgt itfal minuri tal-partijiet u r-ragel, ghall-attrici, qieghed hemm biex ihallas il-manteniment u l-ispejjez li ntrabat li jhallas skont il-kuntratt ta' separazzjoni tal-10 ta' Lulju, 2009.

Mis-sentenza tal-kawza numru 128/2013 moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inf per Imh Ellul bejn il-partijiet jidher li l-attrici ma taghlmet xejn meta dik il-Qorti:

A fol 104 qaltilha li ghandha turi rieda tajba u fejn maz-zmien ikun hemm partijiet mill-uniformi li t-tfal ma jibqghux jiguhom ghandha almenu tghaddihom lill-appellant u a fol 105 qaltilha car u tond:

"*Fic-cirkostanzi l-fatt li hija l-appellata li tixtri l-uniformijiet ma jpoggihiex f'kunflitt mal-obbligi kontrattwali taghha. Dan jinghad dejjem pero' fl-isfond tas-suggeriment li l-appellata ghandha turi rieda tajba fil-konfront tal-appellant fir-rigward tal-uniformijiet li ma jkunx fadal uzu ghalihom*"

U a fol 106 "*F'kull kaz il-Qorti ghal darb ohra tissollecita lill-appellata biex tuza aktar prudenza meta tghaddi l-ircevuti tal-medicini lill-appellant. La se jhallas l-appellant*

*ghandu dritt ikun jaf ta' x'hiex qed ihallas u ghalhekk hija ghandha almenu tiehu hsieb li tavzah tempestivament dwar il-htigijiet ta' medicine tat-tfal u tindika liema huma dawk il-medicini fuq l-ircevuta stess."*

Bir-rizultat li t-tensjoni dejjem tikber bejn il-partijiet u imsieken it-tfal l-istess sentenza ddecidiet li l-ispejjez tal-iskola tas-sajf huma spejjez edukattivi u dan it-Tribunal mhux ser ibiddel xejn minn dan izda jhoss li ghandu jirrakomanda li tali skola sajf u attivitajiet ohra li l-mara tibghat lit-tfal fis-sajf ma ghandhomx iservu biex jallontanaw lit-tfal mill-missier li ghandu jaghmel sforz biex jitlob li jzomm it-tfal huwa wkoll fis-sajf sabiex jibni relazzjoni maghhom.

Dwar l-ispejjez ta' sahha, l-attrici tista facilment tghid lill-ispizjar biex inizzel l-ismijiet tal-medicini li qed tixtri meta taf li zewgha jkun irid informazzjoni dwar dawn l-ispejjez (u bir-ragun specjalment meta ma hemmx relazzjoni tajba bejn il-partijiet). Il-Qorti kienet diga wissietha biex taghmel dan izda hija baqghet taghmel ta' rasha tant li l-ircevuti esebiti minn fol 22 sa 23 ma jippruvawx li dawn kienu medicine u spejjez ta' sahha ghat-tfal tal-partijiet.

Illi ghalhekk ghar-rigward l-ispejjez ta' sahha l-attrici ppruvat li s-somma ta' mija u hamsau tmenin ewro (€185) biss huma spejjez li hargithom in konnessjoni mal-bzonnijiet ta' binhom Sean. L-ircevuti l-ohra jistghu jkunu spejjez ta' kulhadd u ma jirriferux ghal spejjez tat-tfal kif qed tikkontendi l-attrici.

Rigward l-ispejjez tal-edukazzjoni, Summer Culture Club a fol 25 jirrizulta li l-mara ma tavzax lil zewgha bl-attivitajiet tat-tfal u lanqas zewgha ma jidher li jaghmel ebda tentattiv li jitlob lill-iskejjel sabiex jinfurmawh b'kull attivita' ta' wliedu. Veru li hija ghandha l-kura u kustodja izda veru wkoll li huwa fid-dover li jaghmel sforz sabiex jinvolvi ruhu fit-trobbija ta' wliedu u mhux jibqa jwahhal fil-mara ghaliex ma jaghmilx dan.

Fol 25 – mija u tmenin ewro (€180), fol 26 – mitejn u tletin ewro (€230), fol 27 sbatax-il ewro u disghin centezmu (€17.90c) (ircevuta itemized kif ghandha tkun), fol 28 u 29 ircevuti wkoll itemized u erba' mija hamsa u sebghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€475.91c) huma dovuti, fol 30 ircevuta ta' paper chase fl-ammont ta' ghoxrin ewro (€20.08c) ghalkemm itemized izda dan ghandu jigi kunsidrat bhala parti mill-

manteniment u kif ghandha l-mara tircevi c-children's allowance u ghalhekk ma ghandhiex tippretendi li zewgha jhallas extra ghal gomma u ghal lapes, uhu stick, tape u dak kollu li hemm imsemmi f'din l-ircevuta. Dwar l-ircevuti mahruga minn Phoebe u Sylvia Bazaar a fol 30, 31, u 32 dawn ma jaghtu spjegazzjoni ta' f'hiex jikkonsistu dawn l-ispejjez u lanqas hjiel li huma relatati ma' spejjez tal-edukazzjoni u ghalhekk ma gewx pruvati bhala li huma spejjez tal-edukazzjoni u sahha.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf u tmienja u tmenin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,088.81c) u jordna lill konvenut sabiex ihallas lill-attrici dan l-ammont ta' elf  tmienja u tmenin ewro u wiehed u tmenin ewro (€1,088.81c) bl-imghaxijiet legali dovuti mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**